# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 201/2012

## tas-26 ta’ Ottubru 2012

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/709/UE tat-22 ta’ Novembru 2010 li tistabbilixxi Bord tal-Ekotikkettar [1] tal-Unjoni għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE tat-28 ta’ April 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tal-magni tal-ħasil [2] tal-platti għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE tat-28 ta’ April 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ [3] għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/330/UE tas-6 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti għall-Kompjuters Notebook [4] għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/331/UE tas-6 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal sorsi tad-dawl [5] għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/333/UE tas-7 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta għall-ikkupjar u l-karta grafika [6], kif ikkoreġut bil-ĠU L 161, 21.6.2011, p. 34, għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/337/UE tad-9 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-Kompjuters Personali [7] għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/381/UE tal-24 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal-lubrikanti [8] għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE tal-24 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tal-ħasil tal-platti bl-idejn [9] għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE tat-28 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta’ kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tat-tindif b’użi multipli u tat-tindif sanitarji [10], kif ikkoreġut bil-ĠU L 110, 24.4.2012, p. 44, għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(11) Id-Deċiżjoni Nru 2010/709/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/730/KE [11] li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(12) Id-Deċiżjoni Nru 2011/263/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/31/KE [12] li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(13) Id-Deċiżjoni Nru 2011/264/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/200/KE [13] li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha tithassar mill-Ftehim ŻEE.

(14) Id-Deċiżjoni Nru 2011/330/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/343/KE [14] li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha tithassar mill-Ftehim ŻEE.

(15) Id-Deċiżjoni Nru 2011/331/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/747/KE [15] li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha tithassar mill-Ftehim ŻEE.

(16) Id-Deċiżjoni Nru 2011/333/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/741/KE [16] li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha tithassar mill-Ftehim ŻEE.

[1] ĠU L 308, 24.11.2010, p. 53.
[2] ĠU L 111, 30.4.2011, p. 22.
[3] ĠU L 111, 30.4.2011, p. 34.
[4] ĠU L 148, 7.6.2011, p. 5.
[5] ĠU L 148, 7.6.2011, p. 13.
[6] ĠU L 149, 8.6.2011, p. 12.
[7] ĠU L 151, 10.6.2011, p. 5.
[8] ĠU L 169, 29.6.2011, p. 28.
[9] ĠU L 169, 29.6.2011, p. 40.
[10] ĠU L 169, 29.6.2011, p. 52.
[11] ĠU L 293, 22.11.2000, p. 24.
[12] ĠU L 9, 15.1.2003, p. 11.
[13] ĠU L 76, 22.3.2003, p. 25.
[14] ĠU L 115, 4.5.2005, p. 35.
[15] ĠU L 242, 10.9.2002, p. 44
[16] ĠU L 237, 5.9.2002, p. 6.

(17) Id-Deċiżjoni Nru 2011/337/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/341/KE ([1]) li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(18) Id-Deċiżjoni Nru 2011/381/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/360/KE ([2]) li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(19) Id-Deċiżjoni Nru 2011/382/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/342/KE ([3]) li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(20) Id-Deċiżjoni Nru 2011/383/UE tħassar d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/344/KE ([4]) li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u għalhekk għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(21) L-Anness XX għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XX għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 2ad (Deċiżjoni tal Kummissjoni 2000/730/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32010 D 0709**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/709/UE tat-22 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi l-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 308, 24.11.2010, p. 53)."

2. It-test tal-punt 2e (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/200/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0264**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE tat-28 ta' April 2011 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ (ĠU L 111, 30.4.2011, p. 34)."

3. It-test tal-punt 2h (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/31/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0263**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE tat-28 ta' April 2011 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti (ĠU L 111, 30.4.2011, p. 22)."

4. It-test tal-punt 2o (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/747/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0331**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/331/UE tas-6 ta' Ġunju 2011 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal sorsi tad-dawl (ĠU L 148, 7.6.2011, p. 13)."

5. It-test tal-punt 2q (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/341/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0337**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/337/UE tad-9 ta' Ġunju 2011 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-Kompjuters Personali (ĠU L 151, 10.6.2011, p. 5)."

6. It-test tal-punt 2r (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/342/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0382**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tal-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 40)."

7. It-test tal-punt 2s (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/343/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0330**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/330/UE tas-6 ta' Ġunju 2011 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-Kompjuters Notebok (ĠU L 148, 7.6.2011, p. 5)."

8. It-test tal-punt 2t (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/344/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0383**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tat-tindif b'użi multipli u tat-tindif sanitarji (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 52), kif ikkoreġut bil-ĠU L 110, 24.4.2012, p. 44."

9. It-test tal-punt 2u (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/360/KE) għandu jinbidel b'dan li ġej:

   "**32011 D 0381**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/381/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal-lubrikanti (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 28)."

10. It-test tal-punt 2x (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/741/KE) għandu jnibidel b'dan li ġej:

    "**32011 D 0333**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/333/UE tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbilment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għsll-karta għall-ikkupjar u l-karta grafika (ĠU L 149, 8.6.2011, p. 12), kif ikkoreġut bil-ĠU L 161, 21.6.2011, p. 34."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2010/709/UE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/330/UE, 2011/331/UE, 2011/333/UE, kif ikkoreġuti bil-ĠU L 161, 21.6.2011, p. 34, 2011/337/UE, 2011/381/UE, 2011/382/UE u 2011/383/UE, kif ikkoreġuti bil-ĠU L 110, 24.4.2012, p. 44, bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 115, 4.5.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 118, 5.5.2005, p. 26.
([3]) ĠU L 115, 4.5.2005, p. 9.
([4]) ĠU L 115, 4.5.2005, p. 42.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Novembru 2012, dment li n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 200/2012 tas-26 ta’ Ottubru 2012 ([1]), skont liema tkun l-aktar tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta’, u fis-Suppliment ŻEE għal, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Ottubru 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Atle LEIKVOLL

---

(*) Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

([1]) Ara l-paġna 50 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali.